MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu, l-attur qieghed jitlob il-hlas is-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u sittin centezmu (Lm312.60) rapprezentanti s-sehem tieghu mill-ispejjes tal-kawza "Joseph Portelli vs Paul Portelli et" Citazzjoni Numru 29/91 deciza fl-ewwel (1) ta' Dicembru 2000 u sussugwentament fl-appell fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu 2004 u dana skond taxxi ufficjali rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti, (Dok A u B) inkluz il-Vat, liema ammont gia' thallas mill-attur ghan-nom tal-konvenuta.

Il-konvenuta ghandha tigi ikkundannata thallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittra ufficjali spedita f' Dicembru 2004 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzzjoni.

Il-konvenuta Kathleen Portelli kif rapprezentata rrezistiet din it-talba, fil-mertu, billi wiegbet illi hija mhix werrieta tal-genituri tal-attur bensi' biss legittimarja u ghalhekk ma hix

tenuta ghal ebda parti mill-ispejjez tal-kawza illi saret biss bejn il-werrieta tal-konjugi Portelli.

Ra l-atti tal-kawza fl-ismijiet *Paul Portelli vs Rita Portelli* (Avviz Numru 8/2005) li bi qbil bejn il-partijiet ghandhom japplikaw ukoll ghal din il-kawza.

Ikkunsidra:

Fis-sentenza msemmija fl-avviz tat-talba, il-Qorti kkundannat lill-konvenuti fl-istess kawza, li kienu William, Peter Paul, Rita mart Carmelo Portelli, Paola Buttigieg, u Kathleen bint Joseph Portelli, biex ihallsu l-ispejjez tal-kawza solidalment bejniethom. Meta Qorti tikkundanna lil persuni solidalment bejniethom fil-konfront ta’ kreditur tkun qieghdha thalli mpregudikata l-posizzjoni interna ta’ bejniethom. Tkun qieghdha tawtorizza lill-kreditur jagixxi kontra kull wiehed minnhom ghad-debitu intier, izda ma tkunx b’daqshekk qieghdha tippronunzja ruhha dwar ir-relazzjonijiet interni bejn il-kondebituri, b’mod li jekk il-haga li ghaliha gie maghmul id-dejn in solidum ma jkollux x’jaqsam hlief wiehed mill-kondebituri, dak hu obbligat ghad-dejn kollu lejn il-kondebituri l-ohra, u dawn, rigward dak il-kondebitur, jitqiesu bhala garanti (ara artiklu 1109 ta’ Kap 16).

Mhux kontestat li l-eccipjenti mhix eredi imma biss legittimarja tal-wirt tal-konjugi Portelli. Bhala tali, pero, hija xorta wahda kienet tibbenefika jekk fl-assi ereditarju ta’ missierha kellu jidhol il-kont bankarju in kwistjoni, billi l-legittima titqies fuq l-assi kollu wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi (artiklu 620(2) kap 16). Ikbar ma jkun l-assi, ikbar tkun (bhala quantum) il-legittima. Ghalhekk l-eccezzjoni taghha fuq indikata mhix wahda valida u qieghdha tigi michuda.

Min-naha l-ohra, il-fatt illi l-konvenuta hija biss legittimarja tfisser li mill-assi ereditarju hija tiehu inqas minn dawk li huma werrieta, u allura ghandha thallas ghall-ispejjez skond sehemha biss. Dan l-aspett ma giex ikkunsidrat jew deciz fis-sentenza fuq imsemija u allura ma hemmx gudikat fir-rigward.

Mit-testment esibit jidher li kien hemm tmien ahwa u allura l-legittima lilha spettanti hija ta’ ½ x 1/8 = 1/16. Pero’ l-konvenuti kienu seba.

Ghalhekk l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu b’dan il-mod:

Spejjez totali tal-kawza prim istanza kif intaxxati 1730.74
VAT 240.75
Total 1970.81c5
Total diviz bejn 6 (5 eredi konvenuti, 2 legittimarji li ghandhom
Ihallsu n-nofs tal-werrieta u allura jinghaddu bhala wiehed) 329.46c9
In-nofs jigi 164.73
Il-konvenuta diga hallset 10.85 Bilanc li fadlilha thallas 153.88c5

L-eccezzjoni dwar l-intempestivita qieghedha tigi wkoll respinta stante li ma kienx hemm bzonn ta’ nterpellazzjoni biex il-konvenuta tersaq u thallas sehemha mill-ispejjez tal-kawza msemmija fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ in parte t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ LM153.88c5 bhala sehemha mill-ispejjez tal-kawza msemmija fl-avviz tat-talba. Spejjez ta’ din l-istanza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-konvenuta u l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------